MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 214/2013

**Andre' Magro (ID296573-M), Mario Magro (ID341652-M),**
**John Magro (ID78354-M) u Paul Magro (ID163258-M)**
**lkoll ezercenti n-negozju "Firm Michael Magro"**

**vs**

**CASHA David**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf, tnejn u sittin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,062.94c) ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-atturi lill-konvenuti.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali mill-25 ta' Gunju, 2009, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa; (i) illi preliminarjament d-ditta Firm Michael Magro ma ghadhix ezercenti n-negozju u ma hijiex ezistenti; (ii) illi preliminarjament u minghajr pregudizzju t-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) illi dejjem minghajr pregudizzju l-ammont pretiz mhux dovut ai termini tal-ligi lir-rikorrenti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut kkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, naqas milli jidher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal, u naqas milli jressaq il-provi tieghu dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati minnu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill- atturi s-somma ta' elf, tnejn u sittin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,062.94c), bl-imghax kif mitluba.
L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------